MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Numru. 975/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs.**

**Mark Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mark Scerri**, ta' erbgha u tletin (34) sena, iben Joseph u Maria Rosaria neé Thomas, imwieled il-Pieta' nhar l-1 t'April 1977, residenti gewwa 'Redentur', Triq il-Qaliet, Marsaskala, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 178977(M), akkuzat talli;

1. Nhar is-16 ta' Mejju 2011, ghall-habta tal-16:45 ta' wara nofs inhar, minn gewwa l-fond bl-isem ta' 'Ralph Industrial Supplies' li jinsab fi Triq il-Kbira, San Guzepp,

Santa Venera, ikkommetta serq ta' flus kontanti u cekkijiet liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Raymond Mallia u/jew persuna jew persuni ohra;

2. Ikkommetta reati ta' natura volontarja li ghalihom hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni taht kundizzjoni, ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, imposta fuqu b'sentenza datata il-11 ta' Frar 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr.Saviour Demicoli LL.D.;

3. Fl-istess data, hin u cirkostanzi hedded lil Raymond Mallia bi kliem;

4. Kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Jacqueline Padovani LL.D., nhar id-29 ta' April 2010.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta ma' l-imputat Mark Scerri bhala li huwa ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta' dan il-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-22 t'Awwissu 2011 (*fol.* 17) sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat (*fol.* 18).

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat, l-imputat wiegeb li huwa ma kienx hati ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u semghet ukoll, fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2011 (*fol.* 145), il-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Semghet, fis-seduta tal-4 t’Ottubru 2012 (*fol.* 179), lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda tal-*probation officer* Marietta Lanzon (*fol.* 180 *et seq.*) li qalet li ilha taghmel dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar 14-il sena u li l-imputat ilu klijent tal-*probation services* ghal dawn l-ahhat 14-il sena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu wara li l-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda u ghalqet il-provi taghha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: <u>fuq naha wahda</u>, in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat, b’mod partikolari it-tieni (2) u r-raba (4) imputazzjonijiet, cioé dawk li jirrigwardaw Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u <u>fuq in-naha l-ohra</u>, l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, dak li xehdet il-*probation officer* Marietta Lanzon (*fol.* 180 *et seq.*), u l-fedina penali tieghu.

Illi l-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat u dak li nghad mill-*probation*

*officer* Marietta Lanzon ghandu certu piz u ghandu jigi kunsidrat bis-serjeta. Jirrizulta li l-imputat ghandu problema relatata mad-droga liema problema twasslu sabiex jikkometti serq. Il-Qorti qed taghmilha cara lill-imputat ghandu jaghmel l-isforzi kollha necessarji sabiex johrog mill-problema tad-droga u sabiex ma jaqghax fis-serq minhabba tali problema. L-imputat ghandu jifhem li l-Qorti mhijiex xi post fejn l-ewwel jaghmel dak li ghandu jaghmel u wara jipprova jsib xi skuza sabiex jipprova jehles dak li jkun ghamel. Il-Qorti giet infurmata bis-segwenti: *"li ghandu bzonn hu li [Mark Scerri] joqghod taht kura ta' psikjatra ghaliex li jigrilu jhossu tajjeb u jieqaf u jien ma rnexxilix nipperswadih. La jien u qas it-tobba tad-detox. Igifieri hemm bzonn li jkun hemm tkun tassattiva fil-konfront tieghu ghax Mark Scerri mhux tifel hazin. Nistghu nirkuprawh, jista' jghix hajja minghajr droga jekk jiehu trattament u jista' jghix hajja wkoll minghajr kriminalita. Pero ghandu bzonn ftit direttiva mill-Qorti"* (*fol.* 181).

Illi l-Qorti tirrikkonoxxi li l-imputat ghandu bzonn ta' ghajnuna biex jirriabilita ruhu. Il-Qorti tara li l-imputat ghandu jinghata l-**ahhar** opportunita' sabiex jgib il-hajja tieghu fit-triq it-tajba u **qed taghmilha cara li f'kaz li huwa ma jiehux din l-opportunita' ser ikun hemm konsegwenzi serji**. La darba l-Qorti tista' titratta ma' l-imputat b'mod differenti ghad-diversi imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, hija ser taghmel proprju hekk.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li Artikoli 49, 50, 261(a), 261(c), 262(1)(a), 267, 289 u 339(1)(b) tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghar-ragunijiet fuq premessi, tiddeciedi rigward il-piena fil-konfront tieghu bis-segwenti mod:

- fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u tat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li ghal dawn l-imputazzjonijiet jissussistu l-elementi elenkati fl-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta

tqieghed lill-imputat Mark Scerri taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mil-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

- fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni[1], il-Qorti taghzel li ma titrattax mar-reati li taghhom l-imputat kien gie liberat taht kundizzjoni.

- fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni[2], il-Qorti, filwaqt li tikkonferma l-ordni ta' *probation* moghtija mill-Qorti diversament preseduta fid-29 ta' April 2010, taghzel li ma tittrattax ma' l-imputat ghar-reati li dwarhom kien sar l-ordni ta' *probation* fid-29 ta' April 2010.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordnijiet ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Mark Scerri .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] dik li tirrigwarda Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
[2] dik li tirrigwarda Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.